**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 7/2018**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Ahmed El Fadali Enan**

Illum 22 t'April 2022

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 7 ta' sena 2018 migjuba fil-konfront ta' Ahmed El Fadali Enan, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 18749A fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta **:**

Illi fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) il-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga irceviet informazzjoni dwar Gaetano Farrugia ta' nazzjonalita' Maltija li kien gie arrestat gewwa t-Tunezija minhabba s-sejba ta' madwar hamsin kilogramma (50) tar-raza tal-kannabis fil-pussess tieghu. Irrizulta minn informazzjoni ulterjuri, li effettivament Gaetano Farrugia kien akkwista din is-sustanza f'dan l-ammont mit-Tunezija sabiex din tigi trasferita, importata u ttrafikkata gewwa Malta wara arrangamenti li saru u bi qbil ma persuna ohra

gewwa Malta. Din il-persuna giet identifikata balha Ahmed El Fadali Enan qua l-akkuzat f'dawn il-proceduri.

Illi mill-investigazzjonijiet irrizulta li fil-gimghat qabel it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), l-akkuzat Ahmed El Fadali Enan iddecida illi jibda imexxi u jittraffika fid-droga cannabis gewwa Malta. L-akkuzat kien ftiehem ma persuni barra minn kif ukoll gewwa Malta sabiex hu jakkwista d-droga tar-raza tal-kannabis mill-Afrika ta' Fuq u sussegwentement jikkonsenja u jittraffika l-istess lill-persuni ohra f'Malta. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel l-akkuzat Ahmed El Fadali Enan kien jibghat persuni minn gewwa l-Afrika ta' Fuq sabiex dawn jivverfikaw il-kampjuni tar-raza tal-kannabis u wara li jaghzlu l-ahjar kampjuni, dawn kienu jintbaghtu mill-Marrokk ghat-Tunezija tramite l-Algerija. Galadarba kienu jaslu fit-Tunezija, l-istess akkuzat kien jibghat persuna minn Malta sabiex takkwista u ggib din ir-raza kannabis gewwa pajjizna u dan bl-intendiment li din id-droga tigi eventwalment importata u ttrafikata gewwa pajjizna. Effettivament f'dan il-kaz l-akkuzat kien baghat lil Gaetano Farrugia li madankollu inqabad fil-pussess ta' din id-droga qabel ma rritorna lura Malta. Irrizulta wkoll li l-akkuzat kien ittrasferixxa flejjes konsiderevoli minn Malta ghat-Tunezija.

Illi b'hekk, fortunatament id-droga in kwistjoni giet intercetata gewwa t-Tunezija mal-arrest ta' Gaetano Farrugia u cioe' qabel ma giet importata gewwa xtutna u mghoddija lil haddiehor gewwa pajjizna, dejjem bi qbil mal-akkuzat.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ahmed El Fadali Enan sar hati talli fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-gimghat ta' qabel din id-data, assocja ruhhu ma' persuna jew persuni ohra f'Malta jew ma' persuna jew persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika mediina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Ahmed El Fadali Enan hati talli fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fil-gimgħat ta' qabel din id-data, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf u hames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,7,8,12,14,15(A),20,22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni pprezentati flimkien ma l-att tal-akkuza msemmija;

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b' seba' (7) voti favur u tnejn (2) voti kontra sabu lil Ahmed El Fadali Enan hati tal-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Ahmed El Fadal Enan hati talli:

Fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fil-gimghat ta' qabel din id-data, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Simon Micallef Stafrace fejn in breve qal li dawn il-proceduri kienu jirrigwardjaw kaz li jmur lura tnax-il sena u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tiehu dan in konsiderazzjoni u u oltre minn hekk minn lenti legislattiva il-ksur tal-ligi fir-rigward tad-droga Cannabis illum il-gurnata m'ghadx ghadhiex tigi kkunsidrata b'mod sever. Id-difensur enfasizza wkoll li bhala verdett ta' sebgha kontra tnejn mhux unanimu u ghalhekk dan ghandu jigi rifless fis-sentenza taghha.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Godwin Cini fejn qal li l-verdett kien wiehed b'sahhtu u cioe' li instab hati li assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina u droga ohra f'Malta. Hu ssottometta illi l-ammont hu dak li hu, u cioe' mitt kilogramma droga Cannabis. Hu sostna illi l-prosekuzzjoni ma sabitx sentenzi b'ammonti ta' droga f'ammonti simili. Oltre minn hekk hu tenna illi ma kienx hemm ammissjoni da parte l-akkuzat u ghalhekk gie ccelebrat dan il-guri. Ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charles Muscat" fejn il-Qorti dahlet fuq l-effetti tad-droga fuq is-socjeta'. L-abbli prosekutur ghamel ukoll referenza ghall-fedina penali tal-akkuzat u enfasizza li l-piena ghandha xxeqleb lejn il-massimu.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti rat is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Bedredeen FM Alghangha**[1] fejn kien gie ritenut is-segwenti:

> *'Il-Qorti terga' ttenni li dawn ir-reati ta' importazzjoni ta' droga mill-erbat irjihat tad-dinja ghal go din il-gzira zghira ma jistghux*

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 2010.

*ma jitqisux b'mod gravi mill-Qrati billi qed jimminaw il-fibra morali tas-socjeta' Maltija w partikolarment taz-zghazagh Maltin u Ghawdxin li huma l-aktar vulnerabbli ghal dan l-attakk koncertat minn nies li jpoggu l-arrikkiment personali taghhom il-fuq mill-hajja w mis-sahha ta' tant vittmi tan-negozju nefast taghhom.*

*Ghalhekk il-Qrati jridu jaghtu messagg car li dawn it-tip ta' reati jridu jsibu l-id iebsa tal-ligi li tistronkhom bl-aktar mod impenjattiv.'*

Din il-Qorti taghmilha cara li taqbel perfettament u bla rizervi ma' dak li ntqal fis-sentenza sucitata. Pero, minkejja li taqbel ma dak mistqarr mill-Avukat difensur illi din il-Qorti ghandha tikkonsidra d-dewmien ta' tnax-il sena minn meta l-akkuzat gie mressaq bl-akkuza odjerna, pero' fl-istess hin ma tistax ma taghtix kaz il-fedina penali tieghu li diga kellha reati ohrajn registrati fuqha. In oltre, ma tistax ma taghtix piz kbir ghall-fatt li f'din il-kawza qed nitkellmu fuq assocjazzjoni dwar importazzjoni ta' mitt kilogramma Cannabis. Li kieku ma kienx hemm l-intervent tal-pulizija Tunezina, li lahqu ssekwestraw il-hamsin (50) kilo Cannabis, setgha kien il-kaz li kien ikollna fi xtutna mitt kilogramma Cannabis li bla dubbju ta' xejn kienet tispicca fis-suq lokali ghad-detriment taz-zghazagh taghna. In vista tal-ammont konsiderevoli ta' droga nvoluta f'dan il-kaz, il-Qorti tqis li ghandha tuza l-id kiefra taghha meta tigi biex tapplika l-piena idoneja.

**Ikkunsidrat:**

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2, 7, 8, 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq

id-Drogi Perikoluzi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Ahmed El Fadali Enan ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija, w ghall-multa komplessiva ta' erbghin elef ewro (€40,000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ulterjuri ta' prigunerija skond i-ligi u qed jigi kkundannat jhallas is-somma ta' tlett elef, erba' mija, disgha u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€3459.75) import ta' l-ispejjez tal-perizji ai termini tal-Kapitolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sitt xhur mil-lum u fin-nuqqas tigi wkoll konvertita f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur